MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 2257/2002

**Mirage Holdings Limited**

**vs**

**Ronnie Mallia**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' (Lm 73.00c) tlieta u sebghin lira Maltin in kwantu ghas-somma ta' sebghin lira Maltin (Lm70) import ta' tlett kambjali (3) hawn annessi u mmarkati ddokumenti 1,2, u 3 u li d-data tal-maturita taghhom skadiet, u in kwantu ghas-somma ta' tlett liri Maltin (Lm3) bhala imghaxijiet legal dovuti sal-lum fuq l-istess ammont.

Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-lum sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa’ ma pprezentatx rispsota ghalkemm debitament notifikat;

Sema’ lil Dr. John Buttigieg jikkonferma bil-gurament li l-ammont ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici ghall- Lm 73.00 (tlieta u sebghin lira Maltin) rappresentanti import ta’ tlett kambjali li skadew izda baqghu ma thallsux, bl-ispejjes u bl-interessi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------